- *MAIN ROAD U SIDE ROAD USER –*
- *MAIN ROAD ABUSER –*
- *STOP SIGN -*

# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Jannar 2002.**

**Kawza Numru 14**
**Citazzjoni Numru 2656/1997/RCP**

**Fogg Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance plc. u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Eugenio Galea, abbazi ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi, u l-istess Eugenio Galea.**

**vs.**

**Jesmond Ellul.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI**

Rat ic-citazzjoni fejn s-socjeta` attrici ppremettiet :-

Illi fil-24 ta’ Dicembru 1994, ghall-habta ta’ l-10.50.a.m. waqt li l-attur Eugenio Galea kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta’ registrazzjoni D – 7408 (M) gewwa Abate Rigord Street, Ta’ Xbiex, kantuniera ma’ Giuseppe Cali` Street, Ta’ Xbiex, huwa safa involut f’kollizzjoni awtomobilistika mal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni S – 7225 (M) misjuqa mill-konvenut.

Illi l-istess incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragini, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Illi d-danni konsegwenzjali sofferti fil-vettura ta’ l-attur Eugenio Galea jammontaw ghal elf, tmien mija u sebgha u sittin Lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm1,867.47), ghal liema danni s-socjeta` attrici Fogg Limited ghamlet tajjeb abbazi tal-polza tat-tip *comprehensive* u skond il-ligi, u giet minnu debitament surrogata fid-drittijiet kollha tieghu, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-istess attur Eugenio Galea soffra danni konsegwenzjali

konsistenti f'telf tal-uzu tal-vettura tieghu ammontanti ghall-mija u tmienja u tmenin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm188.80) ghal liema danni ma kienitx applikabbli l-kopertura assigurattiva fuq imemmija, u hallas ukoll is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) rappresentanti *excess payment* skond il-polza ta' assigurazzjoni.

Illi l-konvenut minkejja li gie interpellat biex jaghmel tajjeb ghal dawn id-danni fuq imsemmija, baqa' inadempjenti.

Illi l-istess atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar il-24 ta' Dicembru 1994, ghall-habta ta' l-10.50.a.m. gewwa Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, kantuniera ma' Giuseppe Cali` Street, Ta' Xbiex, bejn il-vettura ta' Eugenio Galea bin-numru ta' registrazzjoni D – 7408 (M) u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni S – 7225 (M).

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici Fogg Limited s-somma ta' elf, tmien mija u sebgha u sittin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm1867.47), jew somma verjuri, rapprezentanti d-danni sofferti minnha kif fuq

premess bhal konsegwenza ta' l-istess incident, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur Eugenio Galea is-somma ta' mija u tmienja u tmenin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm188.80) jew somma verjuri, ammont rapprezentanti danni minnu sofferti bhala telf ta' uzu tal-karozza tieghu ghal liema danni ma kienitx applikabbli l-koperta assigurattiva *piu'* hamsa u ghoxrin lira Maltija (lm25.00) rapprezentanti *excess payment* skond il-polza ta' assigurazzjoni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali ta' April 1996 u ta' l-ittra ufficjali ohra kontestwali mal-istess citazzjoni kontra s-socjeta` Untours Insurance Services Limited u interessi legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali ta' April 1996 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li jibqa' minn issa mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-istess atturi a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 9 tal-process fejn ecceppixxa:-

(1) Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ghall-habta kien unikament responsabbli s-

sewwieq l-attur Eugenio Galea kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u lista ta' xhieda tal-konvenut a fol. 10 tal-process.

Rat l-verbali tas-seduti tal-25 ta' Gunju 1998, 19 ta' April 1999, 10 ta' Novembru 1999, 20 ta' Marzu 2000, 14 ta' Novembru 2000, 1 ta' Frar 2001, 15 ta' Mejju 2001, 12 ta' Lulju 2001, 23 ta' Ottubru 2001 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-22 ta' Jannar 2002.

Rat l-affidavit ta' Francis Paul Ebejer tas-16 ta' Settembru 1998; Eugenio Galea tat-18 ta' Settembru 1998, Alexandra Galea Valletta tal-istess data; ta' Jesmond Ellul tal-15 ta' Jannar 1999; x-xhieda ta' P.S. 907 Raymond Zammit, u tal-attur u l-konvenut in kontro-ezami, u xhieda kollha migjuba quddiem il-Perit Legali.

Rat ir-rapport peritali ta' Dr. Mark Anthony Chetcuti mahluf fit-23 ta' Ottubru 2001.

Rat is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Rat d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan il-kaz jittratta dwar kollizjoni awtomobilistika li grat fl-24 ta' Dicembru 1994 ghall-habta tal-10.45. a.m. bejn vettura Reg. No. D – 7408 misjuqa minn Eugenio Galea u vettura Reg. No. S – 7225 misjuqa mill-konvenut fi Triq Abate Rigord kantuniera ma Triq Guzeppi Cali`, waqt li l-istess Eugenio Galea kien tiela' Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, mentri l-konvenut kien hiereg minn Triq Guzeppi Cali`, u ghalhekk id-dinamika tal-incident hija pjuttost wahda cara.

Illi versjoni tal-assigurat tal-attur hija li huwa kien ghaddej f'Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, ghat-telgha, meta ftit qabel is-*showroom* ta' l-Opel ra karozza miexja bil-mod quddiemu, w ittenta jaqbizha, u hekk ghamel u kif ghamel hekk sab il-karozza tal-konvenut quddiemu li harget b'certu sahha minn *side road* u dahlet fih.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut sostna li huwa kien hiereg minn Triq Guzeppi Cali`, Ta' Xbiex ghal fuq Triq Abate Rigord, u peress li fuq ix-xellug tieghu kellu karozza ipparkjata, huwa beda hiereg bil-mod u ra l-karozza tal-attur qed taqla' karozza ohra li kienet

quddiemha, u billi ghamel hekk gie *wrong side* u baqa' diehel fl-istess konvenut.

Illi tenut kont ta' din ix-xhieda jirrizulta fl-opinjoni ta' din il-Qorti li ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut kien hiereg minn *side street* ghal fuq *major road,* w allura kellu bla dubju l-obbligu principali li huwa jesplora it-triq qabel ma jisporgi mill-istess triq li fiha kien ghaddej, sabiex jidhol ghal fuq it-triq principali.

Illi dan l-obbligu da parte tal-konvenut huwa iktar accentwat meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li minn fejn kien hiereg il-konvenut hemm *stop sign,* li tindika b'mod mandatarju lill-konvenut, u kull utent iehor tal-istess triq, li hemmhekk wiehed irid jieqaf, u *stop* ifisser verament li wiehed irid jieqaf.

Illi infatti fis-sentenza **"Dr. Stephen Thake nomine vs Reverendu Patri Ignatius Paul Axisa"** (A.C. 13 ta' Frar 1997) inghad illi:-

*"Hu ovvju li l-konvenut ghandu ir-right of way fil-konfront tal-vettura li riedet tohrog minn fuq ix-xellug tieghu……………u kellu id-dritt jippretendi illi t-traffiku gej minn din id-direzzjoni jieqaf wara l-istop sign u jistennieh jghaddi. L-istop sign hu ordni perentorju li d-driver tal-vettura assigurata mad-ditta attrici kien jehtieglu jobdi biex minn warajha jesplora it-traffiku li jkun hemm fuq l-arterja principali w ma jazzardax*

*jirfes fuqha qabel ikun ghamel ghal kollox cert li seta' jaghmel dan u jtemm il-manuvra li ried jaghmel………..bla ma jfixkel lit-traffiku fuq it-triq principali".*

Illi huwa veru illi l-konvenut huwa u hiereg minn fuq il-lemin tas-sewwieq tal-assigurat tas-socjeta` attrici setgha kellu il-vizzjoni tieghu ristretta bil-karozza pparkjata mal-bankina f'Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, fuq ix-xellug tieghu li tirrizulta wkoll indikata fl-istess skizz, izda dan ma jfisser xejn hlief li l-konvenut kellu jkun aktar kawt sabiex jesplora t-triq qabel ma johrog fuq il-*main road* u dan jidher li l-konvenut ma aderixxiex mieghu b'dan li holoq ostakolu ghall-utenti ta' l-istess triq.

Illi saret hafna enfazi fuq il-fatt li l-konvenut sostna li huwa waqaf u beda hiereg bil-mod, izda in verita` meta wiehed jezamina x-xhieda testwali tieghu jsib li l-istess konvenut ta diversi versjonijiet dwar il-manuvra tieghu meta kien hiereg ghal fuq it-triq principali.

Illi fil-fatt mix-xhieda tieghu wiehed isib is-segwenti:-

Illi fl-affidavit tieghu sostna li *"is-sewwieq l-iehor kien ghaddej minn Triq Abate Rigord u jiena osservajtu jipprova jaqla' l-karozza li kellu quddiemu. Infatti biex ghamel dan gie wrong side u vicin fejn kont hiereg*

*jien. Dak il-hin li saret il-habta jiena kont niccaqlaq fis-sens illi l-karozza kienet miexja".*

Illi fil-kontro-ezami tieghu tad-9 ta' Marzu 2001 l-istess konvenut qal li:-

*"Jiena u hiereg mit-Triq Guzeppi Cali`, stajt nara lill-vettura l-ohra gejja. Rajtu qed jaqbez il-karozza ta' quddiemu u jigi wrong side. Jiena waqqaft ghax pero` l-karozza baqghet gejja fuqi".*

*"Qed issir riferenza ghall-parti tal-affidavit fejn jiena ghidt "jiena kont niccaqlaq fis-sens li l-karozza kienet miexja" u mitlub naghti spjegazzjoni in vista ta' dak li ghadni kif xehedt u nghid li meta giet il-karozza fuqi jiena kont wieqaf". "Minn fejn kont hiereg kien hemm stop sign. Il-habta grat meta kont qbiztha l-istop sign".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti jidher li l-konvenut innifsu ma huwiex cert jekk kienx wieqaf fil-mument tal-impatt jew le, ghaliex fl-affidavit tieghu l-ewwel isostni li huwa kien miexi mentri in kontro-ezami isostni li huwa kien wieqaf.

Illi ma dan jizdied il-fatt li fid-dikjarazzjoni tieghu annessa mal-istess citazzjoni huwa jindika li ma huwa minnu xejn li huwa kien wieqaf fil-mument tal-impatt, stante li ghalkemm huwa qal li huwa waqaf fuq l-*istop sign* li hemm fl-istess triq, huwa kompla billi ddikjara

bil-gurament tieghu li *"hekk kif xiref fi triq Abate Rigord Street huwa safa' milqut mill-vettura misjuqa mill-attur Eugenio Galea li kien qed jissorpassa vetturi ohra u 'wrong side'".*

Illi minn dan kollu din il-Qorti tikkonkludi li l-istess konvenut, ghalkemm ostakolat mill-vizzjoni tieghu bil-karozza pparkjata f'Abate Rigord Street, baqa' hiereg minn fuq l-*istop sign* li hemm f'Guzeppi Cali` Street, u baqa' hiereg dritt go Abate Rigord Street.

Illi fil-fatt, kif indikat fl-iskizz, mhux kwistjoni li l-istess konvenut *"xiref"* fl-istess triq principali, izda dahal ghal kollox fl-istess triq principali, tant li kif jidher mill-iskizz esebit a fol. 74 tal-process, l-istess konvenut jinsab kollu kemm huwa f''Abate Rigord Street, u mhux biss *'xiref",* tant li l-istess vettura tieghu tinsab kollha kemm hija oltre l-*istop sign* li kien hemm fl-istess triq li minnha hareg, b'mod u manjiera li jidher car mill-iskizz li l-istess konvenut kien gja ha il-*via* tieghu fl-istess *main road*.

Illi dan kollu jindika li ma jistax ikun li l-istess konvenut kien wieqaf fil-mument tal-impatt, ghaliex fil-mument u fil-post fejn kien wasal f'Abate Rigord Street, ma kien hemm ebda skop li jaghmel dan, la darba kien ghazel li jidhol fil-*main road*, kif fil-fatt kien, u ghalhekk gja kien holoq ostakolu ghall-utenti tal-istess triq.

Illi dan l-agir tal-konvenut huwa iktar kundannabbli, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, meta wiehed jikkonsidra l-fatt li l-istess konvenut ammetta li huwa u diehel fl-istess *main road* huwa kellu vizzjoni tajba bizzejjed sabiex jara lill-attur jaghmel is-sorpass, u sejjer fuq in-naha l-ohra tat-triq, u nonostante dan huwa xorta baqa' hiereg kollu kemm hu fuq il-*main road*. Certament li dan il-komportament tal-konvenut jindika li l-istess ma kienx sempliciment *"inching out"* la minn fuq l-*istop sign* u lanqas minn wara l-karozza ipparkjata, (li kienet mac-cirka 15-il pied il-boghod mill-kantuniera minn fejn kien hiereg il-konvenut, u ghalhekk ma kienitx ghal kollox qed tostakola l-vizzjoni tal-konvenut), u fi kwalunkwe kaz, il-konvenut qatt ma kellu ghalfejn johrog kollu kemm hu ghal fuq il-*main road*, la kieku ma kienx jaf x'ser issib fuqha, w iktar u iktar meta kien qed jara l-karozza tal-attur taghmel l-imsemmi sorpass.

Illi dan huwa aktar aggravat mill-fatt li l-konvenut kien konxju tal-fatt li bhala sewwieq hiereg mill-*minor road* huwa kellu jcedi d-dritta jew ir-*right of way* lill-utenti ta' l-isess *main road,* u dan certament ma sarx kif jirrizulta mill-provi prodotti. ("**Charles Attard et vs Pierre Mangion**" – P.A. FGC 30 t'Ottubru 1998 – LXXXII.III.310); **"Anna Stanley vs Alan Zahra"** (P.A. (JSP) 23 ta' Marzu 1993 - LXXVII.iii.93).

Illi saret ukoll riferenza ghall-fatt li l-attur kien qed jaghmel sorpass vicin *road junction* u wkoll li l-istess attur sabiex jaghmel dan is-sorpass kien qieghed fuq in-naha hazina tat-triq, u ghalkemm huwa veru dak li jinghad anke mill-perit tekniku li ma ghandux isir sorpass skond ir-regolament 74 tal-**Highway Code** meta hemm *road junction,* xorta jibqa' l-fatt li l-istess attur kellu *r-right of way,* u kellu d-dritt jippretendi bhala utent tali li ma johorgux ghal fuq l-istess triq principali, karozzi minn toroq sekondarji, iktar w iktar meta fl-istess toroq sekondarji hemm ukoll sinjal biex wiehed jieqaf.

Illi wiehed irid isib f'kull kaz il-kawza prossima tal-istess incident u f'dan il-kaz, nonostante anke ir-relazzjoni tal-perit legali, li din il-Qorti ma taqbilx maghha, din l-istess Qorti hija konvinta li mill-provi prodotti jirrizulta li dak li kkawza l-incident in kwistjoni ma kienx is-sorpass tal-istess attur, anke jekk kien qed javvicina triq sekondarja, izda l-hrug intempestiv tal-konvenut, li minn fuq triq sekondarja, u minn fuq *stop sign,* huwa baqa' diehel, minghajr ma ha il-prekawzjonijiet necessarji ghal fuq it-triq principali, b'dan li l-istess konvenut ma zammx *proper look out,* pogga ruhu f'*self inflicted incapacity* sabiex jevita l-istess incident, u holoq *sudden emergency* lill-utenti tal-istess triq principali, inkluz ghall-attur innifsu, li kellu d-dritta kollha tat-triq. **("Avra Insurance Agency Limited et vs Joseph Gatt"** (P.A. R.C.P. 26 ta' April

2001; **"Laferla Insurance Agency Limited vs Arthur Grech"** (P.A. R.C.P. 29 ta' Mejju 2001); **"Simon Spiteri vs Louis Caruana"** (P.A. R.C.P. 11 ta' Ottubru 2001).

Illi dan l-insenjament jinsab konfortat f'diversi sentenzi fosthom **"Owen Azzopardi vs Mar Frances Borg"** (P.A. 25 ta' Mejju 1992) fejn inghad illi:-

*"Il-kawza prossima, immedjata w unika ta' l-incident kienet il-mod inkonsult kif il-konvenut qabad u hareg minn wara stop sign bla ma ha l-prekawzjonijiet kollha li hu kien obbigat jiehu qabel ma johrog fuq it-triq principali fiha l-attur certament kellu id-dritta. L-attur allura fil-konfront tal-konvenut ma kien jehtieglu jipprova xejn biex jiskolpa ruhu ghax hu kellu kull dritt jippretendi li l-karreggiata tieghu tkun ghal kollox hielsa mit-traffiku li ma kienx qed jigi bhal misjuq fuq it-triq principali. Hu zgur li, ghalkemm l-attur kellu jzomm quddiem ghajnejh li seta' jkun hemm xi traffiku jistenna biex johrog ghal fuq il-karreggiata tieghu mit-toroq laterali, hu ma kellu l-ebda obbligu li jcedi lil tali traffiku jew li jaghti attenzjoni partikolari ghalih"*

Illi l-istess inghad fis-sentenza **"Alexander Bartolo vs Kalcedon Micallef"** (P.A. 16 ta' Frar 1972) fejn gie ribadit li:-

*"imma l-kawza prossima taghha tinstab mill-fatt li l-konvenut li ra l-karozza ta' l-attur…. Meta kien wasal fl-inkroccju tat-toroq ha ir-riskju li sewwieq prudenti ma kellux jiehu billi minflok baqa' fejn kien wieqaf sakemm tghaddi l-karozza tal-attur invadielu d-dritta tieghu u hariglu quddiemu…. Ghalhekk huwa responsabbli ghall-habta l-konvenut u mhux l-attur, billi l-esplorazzjoni da parti tas-side road use ghat-traffiku transitanti fuq triq principali (multo magis fejn bhal f'dan il-kaz kellu stop sign) mhijiex limitata ghall-waqfien f'tarf l-inkrocju imma inoltre dan ghandu jikkalkula jistax jaqsam wara li jistma l-velocita` ta' vetturi li jkunu joqorbu lejn l-inkrocju fit-triq principali".*

Illi l-fatt li l-attur ma rnexxilhux jevita l-kollizjoni ma ghandux jigi mehud kontra tieghu stante li huwa kien iffacjat *b'sudden emergency* u mhux kull persuna f'mument tali tista' tagixxi bilfors b'mod perfett u f'dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li ntqal fis-sentenza **"Paul Deguara vs Raymond Chilton"** mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 1988 (LXXII.ii.181) u cioe':-

*"Fil-fehma tal-Qorti bil-manuvra errata li ghamel, l-attur* (f'dan il-kaz il-konvenut) *ikkrea "a sudden emergency" lill-konvenut (*f'dan il-kaz lill-assigurat tas-socjeta` attrici) *li f'dawk ic-cirkostanzi kien gie kostrett jiehu xi xorta ta' "evasive action". Din il-Qorti ga` kellha okkazzjoni ohra fejn ippronunzjat ruhha f'kaz simili dwar l-implikazzjonijiet legali nvoluti (ara* ***"John***

***Debattista vs Maria Theresa Vella et”*** *deciza minn din il-Qorti fit-2 ta’ Novembru 1987). Inutili li wiehed joqghod jghid kif imissha rreagixxiet persuna li kienet involuta f’kollizjoni meta tkun rinfaccjata b’ “sudden emergency” ikkawzata mill-parti l-ohra. Din hija haga psikologika u mhux kulhadd jirreagixxi l-istess fl-istess cirkostanzi. F’dan il-kaz, wiehed jista’ jghid li, kieku ma kienitx il-manuvra errata tal-(konvenut) il-kollizjoni ma kienitx issir. Hekk insibu fil-“Manual of Motor Vehicle Law” (Horsely and Foster p. 120) “If the driver cuts the corner and confronts another driver with the imminent prospect of a collision he cannot complain if that other adopts an unwise manouvre in attempting to avoid it” (Ara wkoll Bingham’s Motor Claims Cases pages 33,34). Li gara f’dan il-kaz huwa li s-sewqan hazin tal-*konvenut *ikkrea sitwazzjoni tali li s-sewwieq l-iehor ma setghax jevita l-habta bl-evasive action li ha”.*

Illi ghalhekk in vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjonijiet tal-perit legali, fl-ewwel lok stante li mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenut sempliciment xiref mill-*istop sign*, u anke mill-karozza ipparkjata, izda addirittura dahal kollu kemm huwa fit-triq principali, u *di piu`* ra lill-attur mhux malli *xiref* izda waqt li kien addirittura diehel fit-triq principali, tant li l-istess karozza tal-konvenut kienet gja inklinata sew u dahlet f’wahda mill-karreggiati ta’ Abate Rigord Street.

Illi huwa ovvju li bhala *side road user* l-istess konvenut qatt ma kellu id-dritt li jkun f'dik il-posizzjoni, kemm jekk ma setghax jara x'hemm fil-*main road,* fejn il-prudenza kienet tiddetta li johrog kemm kemm mill-*istop sign* u mhux kollu kemm hu, u kif ukoll jekk kif l-istess konvenut qal li ra lill-attur gej jaghmel sorpass, meta allura ma kellu ebda dritt li jkun f'tali posizzjoni li johloq ostakolu ghall-utenti tat-triq principali, w iktar u iktar jibqa' miexi ghal fuq it-triq principali.

Illi ghalhekk il-konkluzjonijiet l-ohra raggunti mill-istess perit legali ma humiex qed jigu accettati, stante li sabiex japplika il-principju ta' *main road abuser,* irid ikun hemm provi konkludenti biex juru li l-istess *main road user* insista fuq d-dritt tieghu li jtieh il-ligi b'mod li kien il-kawza prossima tal-incident, b'hekk li jista' jinghad li tali sewwieq ghazel li akkost ta' kollox jinforza d-drittijiet tieghu, b'mod li injora l-obbligu ta' kull sewwieq, inkluz *main road user,* li jaghmel minn kollox sabiex jevita s-sinistru. Certament li f'dan il-kaz tali estremi ma jezistux, stante li mill-provi prodotti jirrizulta li waqt li l-istess attur kien gja kommess li jaghmel sorpass fuq *il-main road,* inaspettatament hareg il-konvenut, minn fuq *stop sign* u minn fuq triq sekondarja, u dahal fil-karreggiata uzata bi dritt mill-attur.

Illi *di piu'* kif inghad fis-sentenza **"Jesmond Bonello vs Guilio Baldacchino"** (A.C. 15 ta' Jannar 1997 – LXXXI.ii.162):-

*"Illi huwa minnu illi main road user ghandu joqghod attent f'salib it-toroq, imma l-grad ta' diligenza li tinkombi lis-side road user huwa ferm akbar (specjalment meta jkun obbligat jieqaf wara l-istop sign). Jekk il-provi juru – kif juri f'dan il-kaz – illi l-kawza prossima tal-kollizjoni kienet unikament in-negligenza tas-side road user li bl-ghemil tieghu rrenda l-kollizjoni inevitabbli, il-main road user ma ghandu l-ebda tort fil-kollizjoni…..avolja jista' jkun qieghed in kontravenzjoni ta' xi regolament tat-traffiku. (XXXV.iv.1137). Mhux allura lecitu f'cirkostanzi simili li tigi akkolta xi parti mir-responsabilita` lill-attur meta jirrizulta assodat illi hu bl-ebda mod ma kien bis-sewqan tieghu ikkontribwixxa ghas-sinistru".*

Illi ghalhekk l-konvenut ghandu u qed jinzamm responsabbli unikament ghall-incident in kwistjoni.

## III. <u>LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.</u>

Illi skond *survey* li sar mis-*surveyor* tas-socjeta` assigurattrici attrici l-karozza kellha hsarat li jammontataw ghal elf, erba' mija u hamsa u tletin lira Maltin u disgha u tletin centezimu (Lm1,435.39)

apparti hamsa u ghoxrin (25) gurnata tax-xoghol biex tissewwa .

Illi l-istess socjeta` attrici halset ghalhekk is-segweneti:-

(a) Lm1,814.49,0 - New Waldorf Garage (Dok. "B")

(b) Lm0,040.00.0 – Peace Car Garage (Dok. "C").

(c) Lm0,004.65.0 - Silver Lining etc (Dok. "D).

(d) Lm0,003.00,0 – Rapport tal-Pulizija.

(e) Lm0,010.00,0 - Survey.

Lm1,872.14. Total.

Illi minn l-ammont jitnaqqsu Lm25 *excess* li thallsu mill-attur, u ghalhekk l-ammont li qed jigi reklamat mis-socjeta` attrici huwa ta' Lm1,847.14, lli jidher li gie kollu pruvat u li l-attur iffirma s-surroga relattiva, kif jirrizulta minn Dok. "E" a fol. 26 tal-process, u liema ammonti inverita` ma humiex kontestati.

Illi min-naha l-ohra l-istess attur proprju soffra Lm25 *excess payment* u dan apparti *loss of use* kif jidher mir-ricevuti esebiti bhala Dok. "EG1" sa "EG5" a fol. 32 sa 36 tal-process, u ghalhekk it-talba tieghu ghall-ammont ta' Lm188.80 u ghall-ammont ulterjuri ta' Lm25 tirrizulta ippruvata u gustifikata, u dawn l-

ammonti lanqas jirrizulta li thallsu lilu mis-socjeta` attrici, u ghalhekk ghandhom jigu mhallsa lilu mill-konvenut.

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar il-24 ta' Dicembru 1994, ghall-habta ta' l-10.50.a.m. gewwa Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, kantuniera ma' Giuseppe Cali` Street, Ta' Xbiex, bejn il-vettura ta' Eugenio Galea bin-numru ta' registrazzjoni D – 7408 (M) u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni S – 7225 (M).

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici Fogg Limited s-somma ta' elf, tmien mija u sebgha u erbghin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm1,847.14), rapprezentanti d-danni sofferti minnha kif fuq premess bhala konsegwenza ta' l-istess incident.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur Eugenio Galea is-somma ta' mija u tmienja u tmenin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm188.80), ammont

rapprezentanti danni minnu sofferti bhala telf ta' uzu tal-karozza tieghu ghal liema danni ma kienitx applikabbli l-koperta assigurattiva *piu'* hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) rapprezentanti *excess payment* skond il-polza ta' assigurazzjoni.

Bl-ispejjez kollha inkluzi tar-relazzjoni peritali, u komprizi dawk ta' ittra ufficjali ta' April 1996 u ta' l-ittra ufficjali ohra kontestwali mal-istess citazzjoni kontra s-socjeta` Untours Insurance Services Limited u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fil-4 ta' Gunju 1998 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**22 ta' Jannar 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Jannar 2002.**